# KUNSILL TAL-INFERMIERA U L-QWIEBEL RAPPORT ANNWALI GĦAS-SENA 2023

Il-Kunsill tal-Infermiera u l-Qwiebel, imwaqqaf u mmexxi skont il-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa tas-sena 2003, kien magħmul minn dawn il-membri: President L-Avv. Vincent Micallef, Membri tal- Kunsill is-Snra. Pauline Borg Saliba, is-Snra. Astrid Zarb, is-Snra. Marthese Spiteri, is-Sur Geoffrey Axiak, is-Sur Vincent Saliba, is-Sur Kevin Holmes, is-Sur William Grech, is-Joe Pace, is -Sur Mario Aquilina, is-Snra Rita Law, is-Snra. Is-Sur Mario Tabone u s-Snra. Gracie Marie Mallia. Ir-Reġistratur wettqet wkoll id-dmirijiet ta' Segretarja tal-Kunsill.

Matul din is-sena il-Kunsill tlaqqa' tnax il-darba, fejn l-attendenza tal-membri kienet waħda regulari.

Kumitati ohra, appuntati mill-Kunsill tlaqqgħu b'mod regolari matul is-sena. Dawn jinkludu:

Il-Kumitat ta' Dixxiplina. Il-Kumitat tal-Proficjenza fil-Lingua u l-Professjoni. Il-Kumitat li Jivverifika l-Applikazzjonijiet tal-Infermiera, Il-Kumitat li Jivverifika l-Applikazzjonijiet tal-Qwiebel, Il-Kumitat għal "Continuing Education".

Matul is-sena 2023, il-Kunsill approva r-reġistrazzjoni ta' mija u sitta infermier/a, Maltin u barranin (UE). Matul l-istess perjodu, il-Kunsill irceva erba mija u tnejn u sebgħajn applicażżjoni għal registrażżjoni għal infermiera u approva erbgħa mija tmienja u tmenin reġistrażżjoni temporanja (Infermier/a gejjin minn pajjizzi barra mill-Unjoni Ewropea).

Għar-rigward il-Qwiebel, il-Kunsill approva tletax-il reġistrazzjoni ta' Qwiebel Maltin u barranin (UE).